REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 42/2009

tal-20 ta' Jannar 2009

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 555/2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2008 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-inbid fir-rigward ta' programmi ta' appoġġ, kummerċ ma' pajjiżi terzi, potenzjal tal-produzzjoni u kontrolli fis-settur tal-inbid

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2008 tad-29 ta' April 2008 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-inbid, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1493/1999, (KE) Nru 1782/2003, (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 3/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2392/86 u (KE) Nru 1493/1999 [1], u b'mod partikulari l-Artikolu 22, 84 u 107 tiegħu,

Billi:

(1) Għall-aħjar użu tal-fondi li potenzjalment jistgħu jkunu disponibbli biex tiżdied il-kompetittività fis-settur tal-inbid, huwa xieraq li kemm jista' jkun l-Istati Membri jitħallew jagħmlu użu mill-possibbiltajiet kemm taħt il-programmi ta' appoġġ għall-inbid, speċjalment taħt il-miżura ta' ristrutturar u konverżjoni skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 u investimenti skont l-Artikolu 15 tal-istess Regolament, kif ukoll tal-fondi għall-iżvilupp rurali. Biex tkun żgurata l-esklużjoni tal-finanzjament doppju tal-istess miżura taħt dawn iż-żewġ fondi, kif previst fl-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008, trid tiġi stabbilita linja ċara ta' dimarkazzjoni fil-livell tal-operazzjonijiet.

(2) Skont it-tieni sentenza tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 16(1) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008, ma għandha tingħata l-ebda għajnuna għall-volum ta' alkoħol li jinsab f'dawk il-prodotti sekondarji għad-distillazzjoni li jeċċedi 10 % f'relazzjoni mal-volum ta' alkoħol li jinsab fl-inbid prodott. Għandu jiġi ċċarat li Stat Membru jista' jipprevedi li jirrispetta dan il-limitu permezz ta' kontrolli fil-livell tal-produtturi individwali jew alternattivament fil-livell nazzjonali.

(3) Il-punt (vi) tal-Artikolu 41(c) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 555/2008 [2] jobbliga lill-produtturi li jinkludu tagħrif dwar il-preżenza ta' varjetajiet ta' għeneb tal-inbid miksubin minn tilqimiet interspeċifiċi (ibridi diretti ta' produtturi jew varjetajiet oħra li m'humiex tal-ispeċi tal-*Vitis vinifera*) fir-rapport tal-analiżi. Madankollu, għal raġunijiet tekniċi dan it-tagħrif ma għandhux ikun meħtieġ u għaldaqstant għandu jitħassar mid-dispożizzjoni msemmija.

(4) L-Artikolu 103(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 555/2008 jistipula li t-Tabella 10 tal-Anness għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1227/2000 [3] għandha tissokta tapplika sakemm ma jkunx ipprovdut mod ieħor f'regolament ta' implimentazzjoni dwar it-tikkettar u l-preżentazzjoni ta' nbejjed li għandu jkun adottat abbażi tal-Artikolu 63 tar-Regolament (KE) Nru 479/2008. Madankollu, għandu jkun hemm referenza għat-Tabella 9 tal-Anness għar-Regolament (KE) Nru 1227/2000.

(5) L-Artikolu 5(8), it-tielet paragrafu tal-Artikolu 16 u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 555/2008 jipprevedu li meta l-Istati Membri jagħtu għajnuniet nazzjonali għandhom jikkomunikawhom fil-parti rilevanti tal-formola stipulata fl-Anness VII għal dak ir-Regolament. Għaldaqstant, l-Anness VII għandu jiġi emendat biex jinkludi dan it-tagħrif.

(6) Għalhekk ir-Regolament (KE) Nru 555/2008 għandu jiġi emendat skont dan.

(7) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Ġestjoni tal-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 555/2008 qed jiġi emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 1 jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"3. Għall-għanijiet tat-Titolu II, 'operazzjoni' għandha tfisser proġett, kuntratt jew arranġament, jew azzjoni oħra inkluża fi programm speċifiku ta' appoġġ, li tikkorrispondi għal kwalunkwe attività taħt il-miżuri msemmija fl-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 u implimentata minn benefiċjarju wieħed jew aktar."

[1] ĠU L 148, 6.6.2008, p. 1.
[2] ĠU L 170, 30.6.2008, p. 1.
[3] ĠU L 143, 16.6.2000, p. 1.

(2) Wara l-Artikolu 10, jiddaħħal l-Artikolu 10a li ġej fit-Taqsima 2 tal-Kapitolu II tat-Titolu II:

"Artikolu 10a

Il-kompatibbiltà u l-konsistenza

1. L-appoġġ għall-ispejjeż ta' ristrutturar u konverżjoni msemmija fl-Artikolu 11(4)(b) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 ma għandux ikopri nefqiet f'xiri ta' vetturi għal farm.

2. Ebda operazzjoni ma għandha tkun inkluża għal appoġġ skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 taħt programm nazzjonali ta' appoġġ skont it-Titolu II ta' dak ir-Regolament għal Stat Membru jew reġjun speċifiku li huwa inkluż għal appoġġ fil-programm tal-iżvilupp rurali ta' dak l-Istat Membru jew reġjun skont ir-Regolament (KE) Nru 1698/2005.

3. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw l-operazzjonijiet li jinkludu fil-programmi tagħhom ta' appoġġ għall-miżura ta' ristrutturar u konverżjoni fil-parti rilevanti tal-Anness I b'tali dettal illi jippermetti l-verifika li dik l-operazzjoni mhiex inkluża għal appoġġ fil-programmi tagħhom tal-iżvilupp rurali."

(3) L-Artikolu 20 jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 20

Il-kompatibbiltà u l-konsistenza

1. M'għandu jingħata ebda appoġġ għal operazzjonijiet tal-kummerċjalizzazzjoni li jkunu rċevew appoġġ skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 479/2008.

Fejn Stati Membri jagħtu għajnuna nazzjonali għal investimenti, huma għandhom jikkomunikawha fil-parti rilevanti tal-formoli li jinsabu fl-Annessi I, V u VII għal dan ir-Regolament.

2. Ebda operazzjoni ma għandha tkun inkluża għal appoġġ skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 taħt programm nazzjonali ta' appoġġ skont it-Titolu II ta' dak ir-Regolament għal Stat Membru jew reġjun speċifiku li huwa inkluż għal appoġġ fil-programm tal-iżvilupp rurali ta' dak l-Istat Membru jew reġjun skont ir-Regolament (KE) Nru 1698/2005.

3. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw l-operazzjonijiet li jinkludu fil-programmi tagħhom ta' appoġġ għall-miżura ta' investiment fil-parti rilevanti tal-Anness I b'tali dettal illi jippermetti l-verifika li dik l-operazzjoni mhiex inkluża għal appoġġ fil-programmi tagħhom tal-iżvilupp rurali."

(4) Wara l-Artikolu 25, jiddaħħal l-Artikolu 25a li ġej fit-Taqsima 7 tal-Kapitolu II tat-Titolu II:

"Artikolu 25a

Il-verifika tal-kundizzjonijiet

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jivverifikaw li l-kundizzjonijiet u li l-limitu msemmi fl-Artikolu 24(1) ta' dan ir-Regolament flimkien mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 ġew imħarsa. L-Istati Membri jistgħu jivverikaw il-ħarsien ta' dan il-limitu fil-livell ta' kull produttur jew fil-livell nazzjonali. L-Istati Membri li jagħżlu l-verifika fil-livell nazzjonali ma għandhomx jinkludu fil-bilanċ tal-alkoħol il-kwantitajiet li mhumiex intenzjonati għal distillazzjoni (it-tneħħija taħt sorveljanza) u lanqas dawk li huma intenzjonati għall-iżvilupp ta' prodotti ħlief l-alkoħol għal użu industrijali."

(5) Fl-Artikolu 41(c), il-punt (vi) għandu jitħassar.

(6) Fl-Artiklu 103(1), il-punt (b) jinbidel b'dan li ġej:

"(b) It-Tabella 9 tal-Anness għar-Regolament (KE) Nru 1227/2000 għandha tissokta tapplika sakemm ma jkunx ipprovdut mod ieħor f'regolament ta' implimentazzjoni dwar it-tikkettar u l-preżentazzjoni ta' nbejjed li għandu jkun adottat abbażi tal-Artikolu 63 tar-Regolament (KE) Nru 479/2008;"

(7) L-Anness VII huwa mibdul bit-test tal-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 20 ta' Jannar 2009.

Għall-Kummissjoni

Mariann FISCHER BOEL

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

"ANNESS VII

Dejta teknika dwar il-programmi nazzjonali ta' appoġġ skont l-Artikolu 6(c) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008

(ammont finanzjarju f'EUR 1 000)

L-Istat Membru ([1]):

Data tal-komunikazzjoni ([2]): Data tal-komunikazzjoni preċedenti:

Numru ta' din it-tabella emendata:

			Sena finanzjarja										
			2009		2010		2011		2012		2013		Total
Miżuri	Ir-Regolament (KE) Nru 479/2008		Previżjoni	Eżekuzzjoni	Previżjoni	Eżekuzzjoni	Previżjoni	Eżekuzzjoni	Previżjoni	Eżekuzzjoni	Previżjoni	Eżekuzzjoni	Eżekuzzjoni
(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)	(9)	(10)	(11)	(12)	(13)	(14)
1. L-Iskema ta' pagament uniku	L-Artikolu 9	Erja koperta (ettari)											(Kumulattiv)
		Ammont medju (EUR/ettaru) ([3])											
2. Promozzjoni fi swieq ta' pajjiżi terzi	L-Artikolu 10	Għadd ta' proġetti											(Kumulattiv)
		Appoġġ medju komunitarju ([4])											
		Għajnuna mill-Istat											(Kumulattiv)
3a. Ristrutturar u konverżjoni ta' dwieli	L-Artikolu 11	Erja koperta (ettari)											(Kumulattiv)
		Ammont medju (EUR/ettaru) ([3])											
3b. Pjanijiet li għaddejjin	Ir-Regolament (KE) Nru 1493/1999	Erja koperta (ettari)											(Kumulattiv)
		Ammont medju (EUR/ettaru) ([3])											
4. Ħsad bikri	L-Artikolu 12	Erja koperta (ettari)											
		Ammont medju (EUR/ettaru) ([3])											
5. Fondi mutwi	L-Artikolu 13	Għadd ta' fondi ġodda											(Kumulattiv)
		Appoġġ medju komunitarju ([5])											

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)	(9)	(10)	(11)	(12)	(13)	(14)
6. Assigurazzjoni fuq il-ħsad	L-Artikolu 14	Ġhadd ta' produtturi											(Kumulattiv)
		Appoġġ medju komunitarju (6)											
		Ġhajnuna mill-Istat											
7. Investimenti f'intrapriża	L-Artikolu 15	Ġhadd ta' benefiċjarji											(Kumulattiv)
		Appoġġ medju komunitarju (7)											
		Ġhajnuna mill-Istat											(Kumulattiv)
7.1. Investimenti f'intrapriża f'reġjuni ta' konvergenza	L-Artikolu 15(4)(a)	Spejjeż eliġibbli											(Kumulattiv)
7.2. Investimenti f'intrapriża f'reġjuni barra dawk ta' konvergenza	L-Artikolu 15(4)(b)	Spejjeż eliġibbli											(Kumulattiv)
7.3. Investimenti f'intrapriża f'reġjuni l-aktar imbiegħda	L-Artikolu 15(4)(c)	Spejjeż eliġibbli											(Kumulattiv)
7.4. Investimenti f'intrapriża f'reġjuni żgħar tal-Gżejjer Eġej	L-Artikolu 15(4)(d)	Spejjeż eliġibbli											(Kumulattiv)
7.5. Investimenti f'intrapriża f'reġjuni ta' konvergenza	L-Artikolu 15(4)(a)	Kontribuzzjoni komunitarja											(Kumulattiv)
7.6. Investimenti f'intrapriża f'reġjuni barra dawk ta' konvergenza	L-Artikolu 15(4)(b)	Kontribuzzjoni komunitarja											(Kumulattiv)
7.7. Investimenti f'intrapriża f'reġjuni l-aktar imbiegħda	L-Artikolu 15(4)(c)	Kontribuzzjoni komunitarja											(Kumulattiv)
7.8. Investimenti f'intrapriża f'reġjuni żgħar tal-Gżejjer Eġej	L-Artikolu 15(4)(d)	Kontribuzzjoni komunitarja											(Kumulattiv)
8. Distillazzjoni ta' prodotti sekondarji	L-Artikolu 16	Firxa ta' ġhajnuna massima (EUR/%vol/ettolitru) (8)											
		Miljuni ta' ettolitri											
		Appoġġ medju komunitarju (9)											

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)	(9)	(10)	(11)	(12)	(13)	(14)
9. Distillazzjoni ta' alkoħol tajjeb għax-xorb – appoġġ għall-erja	L-Artikolu 17	Firxa ta' għajnuna (EUR/ettaru) (8)											
		Erja (ettari)											
		Appoġġ medju (3)											
10. Distillazzjoni ta' kriżi	L-Artikolu 18	Firxa ta' għajnuna (EUR/%vol/ettolitru) (8)											
		Prezz minimu tal-produttur (EUR/%vol/ettolitru) (8)											
		Miljuni ta' ettolitri											
		Appoġġ medju komunitarju (9)											
11. Użu ta' most konċentrat tal-għeneb għal arrikkament	L-Artikolu 19	Firxa ta' għajnuna (EUR/%vol/ettolitru) (8)											
		Miljuni ta' ettolitri											
		Appoġġ medju komunitarju (9)											

(1) Ghandhom jintużaw l-akronimi tal-OPOCE.
(2) Skadenza tal-komunikazzjoni: ghall-previżjonijiet tat-30 ta' Ġunju 2008 ghall-ewwel darba u mbaghad kull l-1 ta' Marzu u t-30 ta' Ġunju; ghall-eżekuzzjoni kull l-1 ta' Marzu (ghall-ewwel darba fl-2010).
(3) Ikkalkulat bid-diviżjoni tal-ammont(i) dikjarat(i) fl-Anness II (ghall-previżjonijiet) u l-Anness VI (ghall-eżekuzzjoni) bil-medda kkonċernata f'dan l-Anness.
(4) Ikkalkulat bid-diviżjoni tal-ammont(i) dikjarat(i) fl-Anness II (ghall-previżjonijiet) u l-Anness VI (ghall-eżekuzzjoni) bl-ghadd ta' proġetti kkonċernati f'dan l-Anness.
(5) Ikkalkulat bid-diviżjoni tal-ammont(i) dikjarat(i) fl-Anness II (ghall-previżjonijiet) u l-Anness VI (ghall-eżekuzzjoni) bl-ghadd ta' fondi kkonċernati f'dan l-Anness.
(6) Ikkalkulat bid-diviżjoni tal-ammont(i) dikjarat(i) fl-Anness II (ghall-previżjonijiet) u l-Anness VI (ghall-eżekuzzjoni) bl-ghadd ta' produtturi kkonċernati f'dan l-Anness.
(7) Ikkalkulat bid-diviżjoni tal-ammont(i) dikjarat(i) fl-Anness II (ghall-previżjonijiet) u l-Anness VI (ghall-eżekuzzjoni) bl-ghadd ta' benefiċjarji kkonċernati f'dan l-Anness.
(8) Id-dettalji jinghataw fl-Annessi I u V.
(9) Ikkalkulat bid-diviżjoni tal-ammont(i) dikjarat(i) fl-Anness II (ghal previżjonijiet) u l-Anness VI (ghall-eżekuzzjoni) bl-ghadd ta' ettolitri kkonċernati f'dan l-Anness."